MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 585/2000/1

**Emanuel Coleiro**

**vs**

**Av. Dr. Raymond Zammit LL.D. nominat b'digriet tad-9 ta' Gunju 1999 bhala kuratur deputat ghan-nom u in rappresentanza tal-eredita' gjacenti ta' Emanuel Mifsud u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2001 Frank Mifsud assuma l-atti ghan-nom tal-eredita' ta' Emanuel Mifsud.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-attur is-somma ta' Lm350.00 (tlett mija u hamsin lira Maltin) ammont dovut rappresentanti sehemu mis-subcens perpetwu mill-11 ta' April 1994 sal-11 ta' April 2000, dovut in konnessjoni mal-appartament numru 1,

214, Tower Road, Sliema ai termini tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Angelo Sammut tal-11 ta' April 1974.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri legali tat-8 ta' Jannar 1998, tal-5 ta' Awissu 1999, tal-21 ta' Ottubru 1999, u tal-15 ta' Novembru 1999, dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 1999 u dawk tar-rikors ghall-hatra ta' kuraturi deputatati tat-30 ta' Marzu 1999 u dawk ta' Lm10 tal-konsult kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr Raymond Zammit nomine (fol 3 tal-atti) u li biha eccepixa bir-rispett

1. Illi hu mhux edott mill-fatti u jitlob lill-attur jaghtih dettalji dwar min jistghu ikunu l-eredi ta' Emanuel Mifsud.

2. Illi l-attur irid jipprova li l-eredita ta' Emanuel Mifsud hi fil-fatt gjacenti.

Rat id-digriet taghha moghti fit-2 ta' Marzu 2001 (fol 9 u 10 ibid) u li bih Frank Mifsud assuma l-atti ghan-nom tal-eredita' ta' Emanuel Mifsud.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 19, 20 , 21 u 22 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi l-attur, permezz ta' "affidavit" u dokumenti annessi ma dan (fol 12 sa fol 18 ibid) spjega li l-appartament imsemmi fl-avviz kien gie trasferit lill-imsemmi Emanuel Mifsud soggett ghas-subcens annwu u perpetwu ta' Lm100. In rigward l-istess subcens, hu kompla jghid li sehemu, ghall-perjodu bejn il-11 ta' April 1994 sal-11 ta' April 2000 kien ghadu dovut lilu sallum (ara ukoll l-att pubbliku a fol 14 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, da parti teighu, ma ressaq ebda prova sabiex jghid ghaliex l-ammont in kwistjoni ma hux dovut.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess jidher li t-talba attrici fil-meritu ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' it-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenut, Frank Mifsud, sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm350 bl-imghax legali mit-30 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm10 ghal kunsult kif ukoll dawk tal-ittri legali tat-8 ta' Jannar 1998, tal-5 ta' Awissu 1999, tal-21 t'Ottubru 1999 u tal-15 ta' Novembru 1999 oltre tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 1999 u tar-rikors tat-30 ta' Marzu 1999 imsemmi fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------